# Ix-Xogħol tal-Bizzilla l-Mellieħa[1]

Huwa l-akbar gost tiegħi li qiegħed hawn fostkom u nkellimkom bħala nies li tant tħobbu l-bizzilla 'l-Mellieħa u barra minn Malta, bħalma huma l-Olanda, il-Kanada u l-Istat Uniti. Sentejn ilu jien kont hawn ukoll u niżgurakom li dak in-nhar imraħt f'dinja ġdida. Fl-istudji kulturali Maltin, il-Mellieħa rridu nqisuha bħala wieħed mill-aqwa eżempji tal-perspettivi moderni fl-antropoloġija: kull espressjoni li tagħmel sens u għalhekk l-esperjenzi u l-ftehim kollu, fihom xi għamla ta' invenzjoni u l-invenzjoni, jekk trid tagħmel sens, trid li tinbena fuq sisien komunikattivi f'konvenzjonijiet li jaqsamhom flimkien kulħadd. L-espressjoni u l-komunikazzjoni; huma jiddependu minn xulxin: waħda ma sseħħx mingħajr l-oħra.

Intom il-Melleħin li ħtartu għalikom stess li tfissru l-kreattività tagħkom bix-xogħol tal-bizzilla qegħdin turu li n-nies kollha fid-dinja għandhom xi sehem fit-tfassil tad-destin tagħhom, mhumiex passivi u xejn iżjed, imma aġenti dinamiċi wkoll f'sistema dinamika ta' relazzjonijiet. Il-ħajja tal-bniedem tinbena fuq kawża u effett u huma r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin li jsawru l-kawża. Il-bnedmin ma jgħixux biss fir-rabtiet ta' bejniethom, imma joħolqu dawn ir-relazzjonijiet biex jgħixu. Hija żbaljata għal kollox il-fehma ta' bosta Maltin u Għawdxin li kulħadd fil-kultura tagħna għandu l-istess għarfien. In-nies minn inħawi differenti ta' Malta u Għawdex, minn familji differenti fil-Mellieħa stess u kultant anki bejn l-istess membri ta' l-istess familja, jista' jkollhom ideat differenti fuq il-qofol tal-kultura tagħna. Jista' jkollhom kapaċitajiet differenti fil-ħajja kulturali ta' kuljum u għalhekk jifhmuha differenti biex jinterpretaw il-ġrajja u biex isibu tarf tal-problemi ta' kuljum. Tul is-27 sena riċerka antropoloġika u etnografika f'Malta u Għawdex, iltqajt ma' bosta każi, anki hawn il-Mellieħa, li fihom in-nies li nkellem – x'aktarx intom stess ukoll – lanqas biss tagħrfu d-diversità li turu f'dan ir-raħal tagħkom. Id-diversità aktar hija n-normali milli l-eċċezzjoni u jien, f'isem il-kultura Maltija, inħossni kburi bikom il-Melleħin li qed tixhdu daqstant diversità.





Minn tletin sena 'l hawn l-istudjużi, minħabba l-pressjoni li għamlu fuqhom il-femministi, bdew jagħtu kas ħafna u saret ħaġa tabilfors il-kwistjoni tal-ġens, jiġifieri b'mod sempliċi , għaliex l-irġiel jieħdu kollox f'idejhom huma. Ħafna minn dawk li mingħalina huma veritajiet kulturali issa qed jidhrulna li qed jixhdu l-oqsma tal-ħajja maħkuma mill-irġiel. U dawn il-ħsibijiet u t-teoriji għandhom, m'għandniex xi ngħidu, tifsira mill-akbar biex wieħed jerġa' jaħsibha huwa u jikteb l-etnografija. Għalhekk, f'ċertu sens, intom in-nisa li qed taħdmu l-bizzilla fil-Mellieħa, qed tagħtu ħajja ġdida lill-kultura Maltija li għadha tant maħkuma mill-irġiel.

Ix-xogħol tal-bizzilla f'Malta jmur lura sas-seklu sittax u f'Għawdex sa nofs is-seklu dsatax. Il-kultura tax-xogħol tal-bizzilla hija unika, sewwasew bħal kull kultura. Tant hu hekk li għandna l-kelmiet kuntestwali tagħna. Ħa nsemmi xi wħud minnhom: *it-trajbu*, bħal kelma mnissla minn tarbija fid-diminuttiv, bħal meta minn *tifla* nagħmlu *tfajla*. U mbagħad, skond l-alfabett, għandna *il-brimba, il-festun ta' l-istilla, il-festun tal-warda, il-fillieri bil-labra, il-kaladindja, il-kannizzata, il-lewża, il-moska, il-moska fuq it-torxon, l-imrewħa, in-nofs punt – torxon, il-punt fuq il-labra, il-punt Ingliż, il-punt rossa, il-punt tal-balla, il-punt tal-kaxxi, is-salib tal-kavallieri u t-tila mal-fillieri.*

Prosit li kull min ħa din l-inizjattiva u min qed jaħdem tant f'xogħol sabiħ tal-bizzilla.

**Ġorġ Mifsud Chircop**

1. Nhar 'Jum il-Bizzilla', il-Mellieħa, it-3 ta' Ġunju 2000